MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1357/2003

**Atlas Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera AXA Insurance Plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Vivian Commercial Corporation Limited**

**Vs**

**Konrad Cassar**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm135.85c (mija u hamsa u tletin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu) rapprezentanti r-risarciment ta' danni li sborsat a favur tal-assikurat taghha s-socjeta' Vivian Commercial Corporation Ltd bhala indennizz in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara l-Imsida fid-19 t'Ottubru 2001, meta waqt li l-konvenut kien qed iregga' lura l-vettura numru

EAM 495 habat mal-vettura numru KBB 509 proprjeta' tas-socjeta' Vivian Commercial Corporation Ltd.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Mark Mifsud Cutajar li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm135.85c (mija u hamsa u tletin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------